# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

## DECIZJONI NUMRU 2285

### Chairman: Dr Leslie Cuschieri Cert.Dip.Stud., LL.D.

**Kaz Numru 3069/LC**

**Fil-kwistjoni tax-Xoghol bejn**

**Victor Borg**

**vs**

**Air Malta p.l.c.**

**dwar allegazjoni ta' trattament diskriminatorju**

Illum 6 ta' Mejju 2014

Dan il-kaz gie referut lit-Tribunal Industrijali b'rikors ta' Victor Borg pprezentata fir-Registru tal-Qorti fit-3 t'Ottubru 2012 tramite l-avukat Dottor Angelo Farrugia. Ghall-iskopijiet ta' Artikolu 78 ta' Kap 452 tal-Ligijiet ta' Malta jinghad li dan il-kaz ma setghax jigi deciz fiz-zmien moghti bil-ligi minhabba li s-smiegh tax-xhieda ha aktar fit-tul.

**Dikjarazzjonijiet**

Bir-rikors tieghu, ir-Rikorrent ddikjara li huwa ilu jahdem mal-Air Malta plc ghal 38 sena u kien ilu jahdem bhala *driver-loader coach* ghal aktar minn 15-il sena; imbaghad huwa gie indikat fir-roster tax-xoghol bhala *airport handler* u mhux bhala *driver-loader coach*, bil-konsegwenza li x-xoghol tieghu gie degradat u gie mizjud lilu xoghol li ma kienx jaqa` fil-grad li dejjem kellu u gawda bhala *driver-laoder coach*. Jghid li l-Air Malta plc giet mitluba tirrimedja din l-ingustizzja u diskriminazzjoni fil-konfront tieghu u peress li din baqghet inadempjenti tressaq dan l-ilment quddiem dan it-tribunal.

Sussegwentement, permezz ta' Statement of Facts, ir-rikorrenti jispjega li l-problemi inqalghu meta fid-9 ta' Settembru 2012, fir-roster tax-xoghol, huwa flok gie indikat bhala *airport handler* gie indikat bhala *airport handling*, li kien ifisser li x-xoghol tieghu gie zgradat fil-kondizzjonijiet tal-impieg. Wara li imbaghad infetah dan il-kaz u l-kumpanija intimata giet notifikata, fir-roster tal-21 t'Ottubru 2012 r-rikorrent tpogga f'nomenklatura ohra, din id-darba ta' *ramp agent* (R/A). Jghid li ghalkemm il-paga tieghu baqghet l-istess, il-kundizzjonijiet tax-xoghol huma differenti.

Is-socjeta` intimata pprezentat Risposta permezz tal-avukat Andrew Borg-Cardona fejn fl-ewwel lok gie eccepit li r-rikorrent irid jispecifika n-natura tad-diskriminazzjoni u jindika fil-konfront ta' min gie ddiskriminat, u fuq liema bazi , kif ukoll x'inhu li ppregudikah; fit-tieni lok inghad li dak li qed jilmenta minnu r-rikorrenti huwa process ta' riorganizzazzjoni li sehhet u qeghda ssehh bi qbil mal-unions ikkoncernati, u ghalhekk dan ma jistax jissejjah diskriminazzjoni.

It-Tribunal diversament presjedut ghamel appell ghal ftehim bonarju.

**<u>Il-Provi migjuba</u>**

Ir-Rikorrent xehed li huwa kien jahdem ghal snin twal bhala driver/loader coach li kien ifisser li x-xoghol kien koncentrat mas-sewqan u taghbija tal-coaches ta' gewwa l-airport. Meta f'daqqa wahda certu George Sammut qabad u poggieh mal-haddiema ta' "airport-handling" dan kien ifisser li kienu qed jinghatawlu hafna aktar responsabbiltajiet, u dan bl-istess paga li kellu qabel. Jghid li n-notice ta' din il-bidla ffirmaha certu John Vella, u meta talbu spjegazzjoni dan ma tahx risposta. In kontro-ezami jghid li d-driver/loaders coach l-ohra thallew f'dik il-pozizzjoni izda kienu ser jitilqu. Jghid li jaf li din kienet parti minn ezercizzju ta' riorganizzazzjoni bi ftehim mal-Union, izda jghid li meta tefghuh mal-haddiema tal-airport handling l-ohra huwa tilef is-seniority kollha: huwa jippretendi li l-haddiema tal-airport handling li dahlu

mal-Air Malta warajh ghandhom jitqiesu bhala inqas minnu fis-seniority. Iktar minn hekk huwa jispjega li bhala airport handler zidulu hafna inkarigi li ma kellux qabel, bhal inaddaf it-toilets, inaddaf l-areas li jkun fihom, inaddaf il-container areas, jiehu hsieb id-dokumentazzjoni tal-cargo, u ghal dik li hija flessibilita` l-ewwel ma jinqala' minn xogholu jkun dak l-inqas fis-seniority.

Xehed John Vella, ground services Manager responsabbli mill-ground-handling, li kkonferma li r-rikorrent kien driver/loader. Kien hemm diversi ohrajn bhalu, u meta saret riorganizzazzjoni ta' dik li jsejhulha r-rampa, dan il-grad spicca. Bi ftehim mal-union, id-driver/loaders gew offruti xoghol iehor bhala airport handlers, b'job-description differenti. Il-haddiema setghu jaghzlu li jiehdu din il-kariga gdida li ghaliha kien jehtieg xi training jew jiehdu somma flus u jitilqu. Jghid li l-Human Resources hargulhom identity cards u sejhulhom Ramp-Agents, li prattikament tfisser l-istess bhal airport handler. Il-fatt li r-rikorrent ma hax is-somma biex jitlaq tfisser li huwa ghazel li jibqa' impjegat tal-Air Malta bhala airport handler. Din l-ghazla inghatat lid-driver/loaders kollha – kulhadd l-istess, u bi ftehim mal-General Workers Union datat 21 ta' Dicembru 2011. Ir-rikorrent qed jithallas bhall-airport handlers l-ohra kollha. Jghid li fl-2012 saret ir-riorganizzazzjoni fejn id-driver loaders minn 45 nizlu ghal 11. Fi klawsola 6 tal-ftehim mal-Union kien qbil li s-seniority li kellhom il-haddiema tintuza biss fl-ewwel 6 sa 9 xhur sakemm kulhadd ikun inghata t-training necessarju ghax-xoghol il-gdid, imbaghad is-seniority tibqa' valida biss f'kaz ta' redundancy. Jghid li lir-rikorrent hajruh jaghmel kors dwar handling ta' persuni b'mobbilta` ridotta izda mar hazin hafna ghax l-gharfien tal-lingwa Ingliza tieghu kien baxx. Jghid li r-rikorrent donnu jrid jaghmel xoghol ta' sewqan tal-coaches biss. Jghid li meta kien hemm bzonn over-time ta' loader Victor Borg dahal ghalih, pero` fil-hinijiet normali tax-xoghol huwa jqis ruhu mhux kwalifikat u ma jaghmlux.

Il-kumpanija intimata strahet fuq l-istess xhieda.

**Konsiderazzjonijiet**

It-Tribunal mill-ewwel jinnota li r-Rikorrent fetah dan il-kaz ghaliex skond hu huwa kellu grad ta' driver/loader u f'daqqa wahda, f'Settembru 2012, xogholu inbidillu ghal airport handler u zdidulu hafna inkarigi li ma kellux qabel bla ma gie kkumpensat ghalihom. Huwa veru li kien hemm din il-bidla, pero` irrizulta li f'Dicembru 2011 il-kumpanija intimata dahlet fi ftehim mal-General Workers Union biex issir riorganizzazzjoni li biha jonqsu l-haddiema u jinbidlu r-rwoli. Il-kumpanija infurmat lill-haddiema kollha (dokument JV3 folio 77) b'dan, u hegget lill-haddiema isaqsu dwar dawn it-tibdiliet matul ix-xahar ta' Jannar 2012. Id-driver/loaders naqsu minn 45 ghal 11 f'Jannar 2012, u bil-mod il-mod dawn gew integrati mal-Airport Handlers. Dan ifisser li aktar mill-l-kumpanija qabdet u ddiskriminat mar-rikorrent, ir-rikorrent ma kienx jaf x'qed jigri madwaru. Certament huwa messu staqsa x'kienet tfisser dik ic-cirkolari tal-20 ta' Jannar 2012, u certament kellu jinnota li hafna minn shabu telqu mix-xoghol. Minn dakinhar ghaddew 8 xhur ohra b'dawn it-tibdiliet, u r-rikorrent donnu ma jaf b'xejn, jew tal-inqas hekk allega fir-rikors tieghu.

Meta mitlub jghid ezatt x'kienet id-diksriminazzjoni, ir-rikorrent jghid biss li messu gie trattat ahjar wara li kien ilu impjegaqt 39 sena: ma jsemmi ebda haddiemli kien daqsu jew inqas minnu li ottjena xi pozizzjoni jew xi kundizzjoni ahjar minnu. Li r-rikorrent iqabbel ruhu ma haddiema bhalu jew inqas minnu kienet haga ta' bil-fors necessarja biex ikun tkun tista' tigi stabbilita xi forma ta' diskriminazzjoni. Dan ma sarx. Huwa jilmenta imbaghad fix-xhieda tieghu li minhabba s-seniority certu xoghol ghandu l-ewwel jinghata lil min ghandu seniority inqas, u li l-Union hekk kienet ftehmet mal-kumpanija intimata. Huwa veru li klawsola 6 tal-ftehim jghid li fl-ewwel 6 – 9 xhur certu xogholijiet ghandhom jinghataw lill-haddiema skond l-iskills u l-esperjenza li ghandhom, imma dan kellu jkun biss ghal waqt il-perjodu transitorju sa ma l-haddiema jigu ttrenjati. Di piu` r-rikorrent ma semma ebda incident partikolari bhala prova li s-seniority tieghu giet injorata: huwa jilmenta

b'mod generali li kulhadd irid jaghmel kollox.  Hawnhekk it-Tribunal jehtieglu jirrimarka li bir-riorganizzazzjoni, il-klassi tal-loader/drivers prattikament giet redundant, izda biex il-haddiema f'dik is-sezzjoni jinghatalhom impieg alternattiv, gew offruti kariga simili, li verament ghandha duties aktar.  Pero` haddiem li ma riedx jaghmel dak ix-xoghol seta' dejjem jiddeciedi li jikkonsidra ruhu redundant, jiehu somma flus u jitlaq.

Ghaldaqstant dan it-Tribunal ma qed jiskontra ebda prova ta' diskriminazzjoni. Anke jekk ir-rikorrent hass li seta' gie mitkellem u l-affarijiet spjegati lilu ahjar, dan ma jwassalx ghad-diskriminazzjoni ilmentata fir-rikors.  Dan it-Tribunal ma jehodha xejn bi kbira li l-haddiema xejn ma gew trattati bl-ingwanti, u x-xhud John Vella, anke fix-xhieda tieghu, wera elementi ta' arroganza, pero` finalment ir-rikorrent anqas ma tnaqqsulu l-kundizzjonijiet tax-xoghol li kellu qabel, imma inghatalu xoghol gdid flok intaghzlet it-triq tar-redundancy. Ir-riorganizzazzjoni jirrizulta li kienet genwina, u ghalhekk mhemmx lok li l-ilmenti tar-rikorrent jigu akkolti.

**Decizjoni**

Ghaldaqstant, wara li ra l-atti kollha ta' dan il-kaz, it-Tribunal qieghed jiddikjara li ma jirrizultax li ir-rikorrent sofra xi diskriminazzjoni jew xi ingustizzja kif mifhum mill-ligi, u ghalhekk mhemmx lok ghal rimedju.  Ghall-finijiet tal-Kap 452 tal-ligijiet ta’ Malta rigwardanti drittijiet tad-difensuri tal-partijiet, dawn qed jigu ffissati fl-ammont ta’ tlieta u disghin Euro (€93.00). B’hekk tintemm din il-kwistjoni tax-xoghol.

Dr Leslie Cuschieri
Chairman